Diviżjoni għall-Gvern Lokali
Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali
Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
26 Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta VLT 1443 | t + 356 2205 2300 | e info.dlg@gov.mt | https://localgovernment.gov.mt

# DIRETTIVA 1/2021

## Proċedura ġdida dwar l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali

| | |
|---|---|
| Lill- | Presidenti, Viċi Presidenti u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali |
| | Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali |
| Mingħand: | id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) |
| Ref : | DLG 37/2018 |
| Data: | 12 ta' Marzu 2021 |

1. Nagħmel referenza għall-emenda għall-Artikolu 49 (3) tal-Att dwar Gvern Lokali li saru permezz tal-aħħar emendi għall-imsemmija liġi (link: https://legislation.mt/eli/act/2020/59/mlt/pdf) li tipprovdi:

   *"Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, li jkun magħżul skont dawk il-proċeduri u kriterji stabbiliti mid-Direttur bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u mingħajr preġudizzju għall-pool stabbilit għal dan il-għan."*

2. Wara li saret konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u ġiet maqbula proposta ġdida dwar il-mili ta' vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali saret talba lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Il-proċess ġdid propost hu sabiex l-għażla ma tkunx limitata biss għall-pool, u s-sejħa tkun miftuħa wkoll għall-uffiċjali pubbliċi u persuni minn barra s-Servizz Pubbliku, sakemm dawn ikollhom il-kwalifiċi meħtieġa. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku approvat din it-talba.

3. Il-proċedura l-ġdida għall-mili ta' post ta' Segretarju Eżekuttiv ma' xi Kunsill Lokali jew Reġjonali hi kif ġej:

   a. Meta tinħareġ sejħa għall-mili ta' post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv, din is-sejħa għandha tkun miftuħa kemm għall-persuni li huma fil-pool, kif ukoll għall-uffiċjali pubbliċi u għall-persuni minn barra s-Servizz Pubbliku, li jkollhom il-kwalifiċi meħtieġa.

   b. Il-proċedura eżistenti fejn jekk jinħatar applikant minn barra s-Servizz Pubbliku, dan ikun meqjus uffiċjal pubbliku (i.e. uffiċjal fis-Servizz Pubbliku) sakemm idum fil-ħatra tiegħu ta' Segretarju Eżekuttiv, ser tibqa'.

ċ. Il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali tkun ħatra b'kuntratt definit ta' erba' (4) snin, li jisa' jiġġedded għal erba' (4) snin oħra kull darba li jiskadi.

4. Din id-direttiva hi applikabbli b'mod immedjat.

Natalino Attard
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)

Kopji: Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali u Komunitajiet
Awditur Ġenerali
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
President, AKL
President, ANSEK